MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2010

Numru. 33/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Peter Paul Demanuele ta' 46 sena, iben Angelo u Rita nee' Buttigieg,
imwieled Rabat, Ghawdex, Malta, nhar it-30 ta' Dicembru, 1962, residenti fil-fond Hawfinch, Triq Dun Speditu Tabone,
Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 2563(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Peter Paul Demanuele li gie:

1) Akkuzat talli fit-13 ta' April 2009 u fix-xhur ta' qabel gewwa n-Nadur, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u cioe' Air Pistol tal-marka Monu, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
2) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna illi fuq ismu ghandu licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu Air Pistol bin-numru ta' registrazzjoni 79990, Shotgun tal-marka Sara Squeta bin-numru tar-registrazzjoni R2709 u Shotgun tal-marka Brega bin-numru tar-registrazzjoni 158229 naqas li jzomm dawn l-armi fil-kustodja tieghu b'tali mod li dawn l-armi setghu jigu f'idejn haddiehor;

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonfiska l-armi li gew esebiti u dan skond kif inhu mitlub fl-Artiklu 56 tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat u l-fatt illi l-ksur tal-Ligi huwa wiehed minimu hafna;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli 5 (1), 47, 51 (2), (8), 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mitt ewro (€800);

Il-Qorti qed tordna l-konfiska tad-dokument ‘FT’ esebiti fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------